IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 08**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 26 ta' Frar 2015 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

** **Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin kienu skużati, ippresieda din il-laqgħa s-Sur Christopher Farrugia, li huwa l-aktar membru anzjan.**

**Is-Sur Christopher Farrugia ippropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 3 u 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti l-ispjegazzjonijiet tiegħu dwar dawn il-materji. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel.**

**3.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

3.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għas-sena 2014, liema *Management Accounts* diġà kienu ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti. Dawn qed jerġgħu jittellgħu għad-diskussjoni peress li fil-laqgħa preċedenti kienu għadhom ma ġewx iffinalizzati. Dawn il-*Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. — Diskussjoni dwar il-finanzi

Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sna Louis Agius. Il-Kumitat qabel unanimament.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 4.00 Budget 2015

4.01 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*budget* għas-sena 2015, liema *budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. Huwa spjega li l-Kumitat Amministrattiv għadu ma rċeviex kemm hija l-allokazzjoni għas-sena 2015 u għaldaqstant il-*budget* inħadem fuq l-allokazzjoni tas-sena 2014. — Budget 2015

Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li dan il-*budget* jiġi approvat. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B07

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B07 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur Christopher Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B07

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B07

2.01 8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-kuntrattur kien għadu ma lestiex l-i*sketch* u l-istima tal-pjanti. Hija qalet li kif l-kuntrattur jiprovdi l-i*sketch* u l-istima kienet ser tiċċirkulhom lil membri. — Diskussjoni dwar is-*soft areas*

Sadanittant il-*Contracts Manager* informana li s-*soft areas* ġewwa tal-Virtù huma nodfa u l-kuntrattur ħawwel numru ta' pjanti staġjonali. Il-membri kkonfermaw li dan huwa minnu.

2.02 2.03 Is-Sna Louis Agius tat deskrizzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet li għadhom ma ġewx riżolti fir-rigward tat-trasport pubbliku u l-immaniġġjar tat-traffiku ġewwa tal-Virtù. — Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku

Il-Kumitat iddeċieda li s-Sna Agius tippreżenta żewġ listi separati, waħda dwar it-trasport pubbliku u l-oħra dwar l-immaniġġjar tat-traffiku sabiex dawn jiġu mgħoddija lill-entitajiet ikkonċernati.

2.03 2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan il-każ għadda għand l-*Enforcement Officer* inkarigat miż-żona ta' Ħad-Dingli peress li dan il-post ma jaqax taħt il-konfini tal-KA tal-Virtù. — Żvilupp illegali fi Triq il-Buskett

2.04 6.01.1 Il-Kumitat qabel li jsiru żewġ abbozzi tal-ittri li ser jitqassmu lir-residenti u dawn jiġu ċċirkolati bejn il-membri sabiex jaraw liema abbozz jippreferu. Kif l-amministrazzjoni tirċievi l-approvazzjoni tal-membri tal-Kumitat, din l-ittra titqassam lir-residenti. — *Neighbourhood Watch*

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mill-membri.

**6.00 Korrispondenza**

6.01.1 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0199/15, is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li rċevejna mingħand is-Seminarju tal-Arċisqof dwar kif tista' ssir ġestjoni aħjar tat-traffiku ġewwa tal-Virtù. Huma qed jitolbu lil Transport Malta sabiex jagħmlu xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Tal-Virtù, it-triq li minn ħdejn is-Seminarju twassal għal Triq it-Tiġrija. B'dan il-mod, ir-residenti, il-ġenituri tat-tfal tal-iskola, u s-sewwieqa tal-*minibuses* ikunu jistgħu jagħmlu użu minn din it-triq u b'hekk titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku minn ġewwa tal-Virtù, minn Triq il-Kulleġġ u minn Triq Nikola Saura. Din il-korrispondenza apparti li hija kkupjata lill-Kumitat Amministrattiv, hija kkupjata wkoll lill-Ministru Joe Mizzi.

Talba lil TM mis-Seminarju tal-Arċisqof sabiex tiġi *resurfaced* Triq tal-Virtù

6.01.2 Il-Kumitat jaqbel ma' din il-proposta u sahqu li jekk il-gvern jintervjeni f'din il-kwistjoni, it-traffiku jkun immaniġġjat aħjar u jitnaqqas ħafna traffiku minn ġewwa l-lokalità tagħna.

**7.00 Materji Oħra**

7.01.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li rċevejna talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Pietru Caxaru sabiex jitwaħħlu tabelli biex ma jgħaddux *coaches* minn din it-triq peress li hija dejqa u ma tippermettix li jgħaddu vetturi kbar.

Talba sabiex jitwaħħlu tabelli biex ma jgħaddux *coaches* jew vetturi kbar minn Triq Pietru Caxaru

7.01.2 Is-Sur Christopher Farrugia qabel mat-talba ta' dan ir-resident u ppropona li nitolbu lil TM sabiex joħorġu l-permessi neċessarji sabiex jitwaħħlu tabelli li jindikaw li ma jistgħux jgħaddu *Coaches* jew vetturi kbar ħlief biex joffru servizz f'din it-triq. Dawn it-tabelli għandhom jiġu installati fi Triq tal-Virtù k/m Triq Pietru Caxaru (ħdejn in-Nunzjatura) u fi Triq Francesco Azopardi k/m Triq Godwin Ganado. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament.

**8.00 Data tas-seduta li jmiss**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 1 ta' April 2015 fis-5.45 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 15 ta' April 2015

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**